1 ta' Settembru, 1948

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Peter Farrugia (*)

**Sigriet Professjonali — Perit Arkitett — Art. 638 u 270 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Is-sigriet professjonali li l-liġi tirrikonoxxi lill-avukati u lill-prokuraturi legali jeżisti anki għall-perit arkitett.*

*Imma biex jista' jiġi nvokat dan il-"privilege", hemm bżonn illi l-materja ta' l-interrogatorju tkun "within the protection"; b'mod li jekk il-materja ta' l-interrogatorju mhix ta' "professional confidence", u tkun materja ta' fatt aċċertabili indipendentement minn kull "privileged communication", dak il-privileġġ ma jeżistix.*

*F'din il-materja hemm żewġ prinċipji importanti: wieħed illi l-privileġġ imiss lill-klijent; u l-ieħor illi l-klijent jista' jirrinunzja għalih.*

L-imsemmi Farrugia ġie mġjub quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi, bħala sid il-post nru. 3, Triq l-Addolorata, Birżebbuġa, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija billi naqas li

(*) Deċiża fil-meritu fil-25 ta' Ottubru 1948 (Appell Kriminali).

jneħħi l-perikolu li hemm fih wara li kien imwissi mill-Pulizija bil-miktub biex jagħmel hekk;

B'sentenza tagħha tat-18 ta' Mejju 1948 dik il-Qorti lliberatu;

Issa sar appell mill-Attorney General;

Dan l-appell sar fuq il-pont li l-Pulizija fil-Qorti ta' Isfel ġiet impeduta milli tipproduċi prova ndispensabili;

Il-kwistjoni li għalhekk għandha tiġi deċiża preliminarment minn din il-Qorti hi dik jekk il-Perit Arkitett Carmelo Falzon jistax jiġi prodott bħala xhud mill-Prosekuzzjoni biex jiġi mistoqsi jekk jeżistix il-perikolu msemmi fiċ-ċitazzjoni, jew jekk, kif issostni d-difiża, hemmx l-ostakolu tas-sigriet professjonali, peress li l-imsemmi perit hu, jew almenu kien fiż-żmien rilevanti għall-każ, il-perit privat tas-sid;

Il-Qorti ta' Isfel, meta din il-kwistjoni nqalgħet quddiemha, irriżolviet il-pont fis-sens li eżentat lill-perit Falzon milli jixhed (ara verbal fol. 5). L-inċident reġa' ġie sollevat quddiem din il-Qorti (ara verbal fol. 12);

Fuq din il-kwistjoni l-Imħallef sedenti kkunsidra;

Dwar il pont jekk il-"privilege" jeżistix jew le, ir-riferenza għas-sistema ingliż, li saret fir-rikors ta' l-Attorney General, ma hijiex aċċettabili, għaliex, kif jidher mit-text-writers Ingliżi l-aktar awtorevoli fil-materja (bħal ma huma t-Taylor, il-Powell, il-Kenny, eċċ.), dan is-sistema hu sostanzjalment divers minn dak Malti f'ħafna aspetti; u għalhekk wieħed għandu joqgħod għad-dispożizzjonijiet espressi fil-Liġi Maltija;

L-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali Malti jibda biex jirrikonoxxi s-sigriet professjonali għall-avukati u prokuraturi legali, imma mbagħad ikompli jgħid illi l-privileġġ jgħodd ukoll għal dawk kollha li huma obligati mill-liġi għas-sigriet dwar ħwejjeġ li fuqhom tintalab ix-xhieda tagħhom. Issa l-art. 270 ta' l-istess Kodiċi jobliga għas-sigriet, taħt piena ta' multa, anki, in ġenerali, lil kull min, minħabba l-professjoni tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet. Hu ċar, konsegwentement, li l-perit arkitett, bħala professjonista, hu obligat għas-sigriet; u jekk hu obligat għas-sigriet, allura, bis-saħħa ta' l-art. 638 fuq ċitat, għandu l-privileġġ li ma jistax jiġi mġiegħel jixhed

fuq materji li jaqgħu taħt is-sigriet professjonali. Mela l-privileġġ ježisti fil-liġi maltija anki għall-perit arkitett;

Iżda l-indaġini ma għandhiex tieqaf hawn;

Hu ċar li biex jista' jiġi nvokat il-"privilege" hemm bżonn li l-materja ta' l-interrogatorju tkun "within the protection". Issa, f'dan il-każ, hu wisq ċar li ma hijiex. Difatti, biżżejjed wieħed jaħseb illi din il-Qorti tista' tinnomina perit biex ježamina l-fond u jgħid jekk hemmx jew le l-perikolu biex jikkonkludi illi l-eżistenza jew le tal-perikolu ma hijiex ta' materja ta' "profession confidence", imma kwistjoni ta' fatt aċċertabili adipendentement minn kull "privileged communication";

Hemm però raġuni aktar qawwija għaliex dan il-"privilege" f'dan il-każ għandu jiġi miċħud. Infatti, l-appellant stess, bħala sid il-post, permezz tal-konsulent legali tiegħu, għarraf lill-Housing Commissioner, bl-ittra tiegħu tal-25 ta' Novembru 1947, illi skond rapport tal-perit tiegħu (il-perit Carmelo Falzon) "the rolled steel joists of one room adjacent to stairwell on ground floor are in a dangerous state", u ddikjara li għalhekk, ma setax jassumi ebda responsabilità għall-inkwilini futuri tal-post;

Issa hemm żewġ prinċipji importanti f'din il-materja; wieħed illi l-"privilege" imiss lill-klijent, u l-ieħor li l-klijent jista' jirrinunzja għalih;

F'dan il-każ, bl-ittra fuq imsemmija l-appellant irrinunzja għall-"privilege" li qiegħed jinvoka;

Għalhekk, għalkemm in teżi ġenerali, il-"privilege" ježisti skond il-Liġi Maltija anki bejn perit arkitett u klijent, f'dan il-każ il-materja tal-prova ma hijiex "within the protection"; u kieku stess "ex hypothesi" kienet, il-"privilege" ġie rinunzjat;

Għal dawn il-motivi;

Tiddirimi l-inċident billi tippermetti l-produzzjoni taxxhud Perit Arkitett Carmelo Falzon biex jiġi mistoqsi dwar il-perikolu;

Tordna li in kalċe ta' din id-deċiżjoni tiġi traskritta, biex tifforma parti ntegrali tagħha, l-ittra fuq imsemmija tal-25 ta' Novembru 1947 (Red 15 fil-file eżibit).